**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

Illum **l-Gimgha 16 ta' Frar, 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anna Marie Xuereb)**

**vs.**

**Andrew Palmier**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

Andrew Palmier, 28 sena, bin Michael u Maria nee' Gonzi, mwieled San Giljan nhar 26 ta' Gunju 1979, u residenti 35, Dar il-Hnejja, Triq is-Sirk, Swieqi, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 386779(M)

Akkuzat talli:

Nhar it-22 ta' Frar 2008, ghall-habta ta' wara nofs inhar, gewwa Triq Sir Augustus Bartolo, Ta' Xbiex, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' vettura ta' l-ghamla Ford Focus bin-numru tar-registrazzjoni LOU 410, a detriment ta' Louise Gatt, liema hsara ma tiskorriex l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgha

u sittin centezmu (€1,164.69), imma izjed minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centenzmu (€116.47).

Semghet ix-xhieda rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja, u rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li din il-kawza tigi hekk trattata u deciza.

Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Fit-22 ta' Frar 2008 Louise Gatt ghamlet rapport l-ghassa tal-Pulizija li kienet sabet il-karozza taghha bin-numru ta' registrazzjoni LOU 410 b'zewg girfiet fuq in-naha tal-lemin tal-mudguard sa wara.
2. Iktar tard, il-Pulizija gew infurmati minn Michael Gatt, li jigi hu Louise Gatt, li kellu informazzjoni minn certu Francis u t-tifel tieghu Matthew Portelli li din il-hsara kienet saret mill-imputat li jahdem ma' Elmo Insurance Ltd.
3. L-imputat, Michael Gatt u Matthew Portelli jafu lil xulxin ghax kienu jattendu l-istess skola.
4. L-imputat jaf lil Louise Gatt ghax ghal xi zmien kellu relazzjoni amoruza ma' habiba taghha, pero din ir-relazzjoni spiccat ftit xhur qabel l-incident in kwistjoni.
5. L-imputat u Louise Gatt jahdmu fl-istess akkwati pero ma socjetajiet differenti f'Ta' Xbiex.
6. Francis u Matthew Portelli jghixu Ta' Xbiex, jew f'inhawi qrib hafna.

Dan il-kaz ghandu fattispecje iktar unici milli rari, u dan stante li apparti l-verzjonijiet differenti tax-xhieda tal-Prosekuzzjoni – li kif se jigi spjegat iktar tard m'humiex konsistenti – u l-versjoni tal-imputat, kif wiehed normalment isib f'kazijiet simili, mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni hemm wisq affarijiet li ma jifthemux u ma jaghmlux sens logiku, u ma rrizulta l-ebda motiv, u lanqas il-Prosekuzzjoni stess m'hu qed tallega li kien hemm wiehed, ghaliex l-imputat kellu jikkommetti l-att vandalu fuq il-vettura ta' Louise Gatt, li bih huwa jinsab akkuzat. Fil-fatt meta l-Prosekuzzjoni staqsiet lil Louise Gatt f'dawn il-proceduri jekk kienx hemm xi raguni ghaliex seta' sar dan l-att, Louise Gatt wiegbet kategorikament *"Le"* u li hi u l-imputat kienu hbieb.[1]

Il-Prosekuzzjoni isserrah il-kaz taghha fuq ix-xhieda ta' Francis u t-tifel tieghu Matthew Portelli – li jidher li huma xhieda indipendenti.

Francis Portelli xehed li hu u t-tifel tieghu Matthew hargu mid-dar ghal habta tas-1.00 pm u huwa u hiereg mill-grada sema' persuna tigref karozza xi hmistax (15)-il metru boghod minn fejn kien hu, fuq in-naha tieghu tal-bankina. Hu u t-tifel marru jaraw jekk kienx hemm grif iehor fuq il-vettura tat-tifel li kienet quddiem il-vettura li giet migrufa. Peress li l-vettura tat-tifel ma kellha xejn, dahlu fiha u kienu sejrin lura l-ufficju. Francis Portelli jghid li t-tifel tieghu qallu li kien jaf il-persuna li giref il-vettura ghax kien jahdem ma' Elmo Insurance. Jidher li ghal din ir-raguni daru lura bil-vettura biex jaraw ezattament x'gara. Skond Francis Portelli l-persuna li giref il-karozza – li hu gharaf bhala l-imputat - kien gol-karozza tieghu, Megane hamra u marru jispezzjonaw il-karozza li giet migrufa. Skond Portelli kienet migrufa min-naha kollha. Francis Portelli jghid li baqa' sejjer l-ufficju u cempel lil managing Director tal-Elmo Insurance, John Cooper, peress li kien jafu, u qallu bl-incident li gara.

Min-naha l-ohra Matthew Portelli xehed li kien hiereg mid-dar ma missieru biex imorru lura x-xoghol u ra lill-imputat u semghu jigref il-vettura in kwistjoni. Skond dan ix-xhud bejn il-vettura tieghu u dik li ingirfet kien hemm vettura ohra ipparkjata, u bejn fejn kienu huma u bejn il-vettura li ngirfet kien hemm circa 5 metri. Jghid li hu kien jaf li l-imputat jahdem ma' Elmo Insurance, imma dak il-hin ma kienx jaf il-vettura li ngirfet ta' min kienet, pero sar jaf wara minghand missieru Francis Portelli. Jghid li meta missieru sar jaf ta' min hi l-vettura, marru fit-travel agency – minghajr ma specifika min kien jahdem hemm – u missieru kellem

[1] Ara xhieda ta' Louise Gatt a fol. 11 tal-process.

lil xi nies. Matthew Portelli jghid li wara li giref il-vettura, l-imputat dahal fil-karozza tieghu, u hu hadlu n-numru tal-karozza. In kontro-ezami jghid li wara li dahlu fil-karozza marru l-ufficcju u missieru cempel lil xi habib tieghu li jahdem l-Elmo Insurance. Ix-xhud ma kienx jaf jghid kif missieru sar jaf ta’ min hi l-karozza li giet migrufa. L-ghada fil-ghodu – ghalkemm ma kienx cert meta – mar ma missieru x’imkien Ta’ Xbiex, sabiex missieru ikellem xi hadd fuq din il-kwistjoni, pero ma tax kaz ma min kien qed jitkellem.

Mis-suespost, hu car li hemm konflitt ta’ verzjonijiet bejn iz-zewg xhieda principali tal-prosekuzzjoni. L-unika punt fejn ix-xhud Matthew Portelli kien car u konsistenti hu li hu ra u sema’ lill-imputat jigref il-vettura. Rigward il-fatti li graw wara u x’ghamel ezatt missieru kien vag u hemm inkonsistenza bejn ix-xhieda li ta waqt l-ezami u dik li ta in kontro-ezami. In oltre, fix-xhieda tieghu missieru Francis Portelli qal biss li hu cempel lil John Cooper tal-Elmo Insurance u ma semma’ li kellem lil hadd izjed.

Michael Gatt, hu l-vittma Louise Gatt, xehed li Francis Portelli mar ikellmu l-ufficju ghax ra lill-imputat – u tah ismu - jobrox il-karozza ta’ ohtu. Jghid ukoll li Portelli qallu li l-karozza tal-imputat kienet Mazda u tah in-numru taghha. Huwa hareg jispezzjona l-karozza ta’ ohtu u kien fiha barxa orizzontali mill-bonnet it-tul kollu tal-karozza. Michael Gatt jghid li hu kien jaf lill-imputat, u ghalhekk kellem lil John Cooper, wiehed mid-diretturi tas-socjeta li maghha jahdem l-imputat biex ikellem lill-imputat. Sussegwentement, l-imputat cempillu u nnega li dak li kien qed jigi allegat kontrih. Jghid ukoll li ma kien hemm l-ebda tip ta’ disgwid bejnu u bejn l-imputat. Fl-ahhar tax-xhieda tieghu jghid li ma Francis Portelli, kien hemm it-tifel tieghu Matthew, imma kien Francis Portelli li kellmu.

Il-Qorti tosserva li fil-waqt li x-xhud Francis Portelli xehed li l-imputat kellu karozza Megane hamra, Michael Gatt xehed li Francis Portelli qallu li l-imputat kellu karozza Mazda.

Min-naha l-ohra John Cooper, direttur ta’ Elmo Insurance xehed li kien cempillu Michael Gatt, li qallu li xi hadd cempillu li wiehed mill-impjegati tieghu ghamel xi hsara f’xi karozza. Mistoqsi mill-Prosekuzzjoni jekk apparti Michael Gatt kienx hemm xi persuni ohra li avvicinawh, hu rrisponda kategorikement li *“No”*.[2]

---

[2] Ara xhieda a fol. 58 tal-process.

Hu car li hemm kontradizzjoni bejn ix-xhieda ta' John Cooper u dawk taz-zewg xhieda principali, u cioe Francis u Matthew Portelli, li t-tnejn xehdu li Francis Portelli cempel lil John Cooper.

Kif din il-Qorti diga qalet iktar il-fuq, mill-provi prodotti hemm wisq affarijiet li ma jaghmlux sens u ma jiftiehmux. Il-Qorti se tippuntwalizza s-segwenti:

1. Il-vittma Louise Gatt – li ma kienitx prezenti meta l-karozza taghha nbarxet - l-ewwel xehdet li lill-imputat ma tafux u ftit wara qalet li tafu ghax kellu relazzjoni amoruza ma' habiba taghha. Ma hemmx raguni logika ghalfejn l-ewwel innegat li taf lill-imputat, pero wara ammettiet li tafu, u sahansitra li ma taf bl-ebda raguni ghaliex kellu xi mottiv jivvandalizza l-vettura taghha.

2. Mix-xhieda ta' Francis Portelli johrog car, li waqt li kien hiereg mat-tifel Matthew mid-dar, huma semghu persuna tigref karozza. Ghalhekk, kien il-hoss tal-grif li gibidlu l-attenzjoni l-ewwel. Jghid ukoll li ma jafx l-imputat x'kellu f'idejh. Fil-fatt l-ewwel ma ghamlu huwa li ivverifikaw jekk il-karozza ta' Matthew kienitx migrufa ukoll. Issa hoss ta' grif, mhux necessarjament ifisser grif ta' karozza. Inoltre, ix-xhud jghid li hu kien circa hmistax-il metru l-boghod mill-karozza li ngirfet, li hi distanza konsiderevoli biex wiehed jiddetermina bi precizjoni l-imputat – li ma cahadx li kien vicin il-vettura migrufa – x'kien qieghed jaghmel ezattament. Huwa rilevanti li ma gew ezebiti l-ebda ritratti sabiex juri x'tip ta' grif kellha l-vettura u sabiex jigi determinat biex setghu gew kagunati.

3. Ghalkemm fix-xhieda tieghu Matthew Portelli kien kategoriku li kif hareg mid-dar hu ra u sema' lill-imputat jigref il-karozza, fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-kumplament tax-xhieda tieghu, dwar x'gara u ma garax hija pjuttost vaga u ma hix konsistenti mal-verzjoni ta' missieru. Ghalhekk fl-opinjoni ta' din il-Qorti dan ix-xhud huwa pjottost inattendibbli.

4. Il-vittma Louise Gatt xehdet li l-girfa kienet forma ta numru tmienja fuq in-naha tax-xufier tal-vettura, li tibda mill-bieba tal-petrol u tmur fuq iz-zewg biebien u lura. Min-naha l-ohra, ix-xhieda l-ohra li raw il-girfa, kollha xehdu li l-girfa kienet wahda orizzontali min-naha ghall-ohra tal-vettura.

5. Francis Portelli xehed li l-imputat kellu vettura Megane. Michael Gatt xehed li Portelli qallu li l-ghamla tal-vettura kienet Mazda. Apparti l-inkonsistenza bejn iz-zewg xhieda, huwa rilevanti li l-imputat xehed li l-vettura Renault Megane kienet ghadha kemm taghtielu ftit qabel is-socjeta li maghha kien jahdem biex juzaha, u li qabel kellu personalment Mazda sewda. Huwa xehed li meta inghata l-karozza tal-kumpanija, huwa kien biegh il-Mazda, li kienet personali tieghu, ghax ma kellhux bzonnha. Ghalhekk, il-Qorti ma tistghax tifhem kif Michael Gatt xehed li Portelli qallu li l-ghamla tal-vettura li kien qed juza l-imputat kienet Mazda.

6. Il-Qorti issib ferm stramb kif Francis u Matthew Portelli xehdu li raw lill-imputat jigref il-vettura, u ma kellmuhx jew ippruvaw iwaqqfuh, jew ghall-inqas icemplu lill-Pulizija. Minflok mix-xhieda taghhom, jirrizulta li huma vverifikaw li l-vettura ta' Matthew Portelli ma kinietx migrufa, u bdew isuqu biex imorru lura l-ufficcju, u ma tantx impurtahom mill-vandalizmu li allegatament jghidu li raw. Francis Portelli iddecieda li jidhol fil-kwistjoni biss, meta t-tifel tieghu Matthew qallu li hu kien jaf lil persuna li kienet girfet il-karozza, u fil-fatt dar lura biex jaghmel il-verifiki tal-hsara fil-vettura.

7. Francis Portelli xehed li hu kien kellem lil John Cooper fuq l-incident. Min-naha l-ohra meta John Cooper tela' jixhed, hu kien kategoriku li l-unika persuna li kellmu fuq l-incident kien Michael Gatt.

8. L-istima li giet ipprezentata mill-parte civile issemmi li jridu s-segwenti tiswijiet *"Repair dents"* fil-bieba ta' wara tan-naha tal-lemin, jigi mnehhi u inserit il-bumper ta' wara u tal-genb in-naha tal-lemin, jigu sprejjati il-bumper ta' wara, il-bieba ta' wara tan-naha tal-lemin, il-bieba ta' quddiem tan-naha tal-lemin, *"blend"* il-*wing* ta' quddiem tan-naha tal-lemin, u jinbidlu l-*"mouldings"* taz-zewg bibien.[3] Bil-kelma *"dents"* il-Qorti tifhem daqqiet u mhux girfa. Huwa vera jekk girfa tista' tkun fonda bizzejjed tista' thalli tghafis fuq il-vettura, pero l-Prosekuzzjoni ma gabet l-ebda prova ta' f'hix kien jikkonsistu d-danni kagunati lill-vettura. Hija prassi normali li f'kazijiet simili ghall-inqas jittiehdu ritratti tal-hsara. Di piu, kif diga gie osservat, hemm diskrepanza bejn ix-xhieda dwar il-forma tal-girfa.

---

[3] Ara dokument a fol. 14 tal-process.

Min-naha l-ohra, l-imputat xehed u spjega fit-tul, kif hu kien ghal xi hin hdejn il-vettura in kwistjoni, ghax kien qed ifittex SIM card ta' mobile, li kien tilef, u haseb li tilifha fi triqtu lejn ix-xoghol.

Fit-trattazzjoni orali, l-Ufficjal Prosekutur taghmel diversi sottomissjonijiet ghaliex il-versjoni li ta l-imputat mhix wahda kredibbli. Pero din il-Qorti ma thossx li fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, ghandha tinoltra ruhha fil-kwistjoni jekk il-versjoni tal-imputat hix wahda kredibbli jew le. Fil-kamp kriminali l-oneru tal-prova lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni jispetta lill-Prosekuzzjoni. Fid-dawl tal-inkonsistenzi u n-nuqqasijiet fil-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni fuq elenkati, u meta di piu huwa pacifiku bejn il-partijiet u x-xhieda rilevanti kollha li ma kien jezisti l-ebda motiv ghalfejn l-imputat kellu jivvandalizza din il-vettura, din il-Qorti ma tista' qatt tikkonkludi li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-kaz taghha sal-grad rikjest fil-kamp kriminali.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti ssib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu, u qed tilliberah minnha.

**Magistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Registratur**